Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar il-Ħamis, 1 ta' Settembru 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti Mqajjma mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Aġġornament

Il-Kunsillier Cardona issuġġerrixxa biex bħala item nibdew minn dak tal-pagamenti l-ewwel. Is-Sindku qabel. Is-Segretarju qal li biex ikun hemm bdiel fl-ordni tal-laqgħa dan irid jissemma kull darba fil-bidu tal-laqgħa peress li hemm l-Ordnijiet permanenti li rridu nimxu fuqhom.

**1.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

1.1 Il-Kunsillier Cardona qal li mhux qed ikun hemm rendikont tad-dħul li qed ikollu l-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li l-accountants qed ilestu l-quarterly reports u naraw minn fuqhom.

1.2 Il-Kunsillier Hewitt qal nistgħux nagħmlu laqgħa fuq dawn ir-rapporti kull tlett xhur fejn naraw speċifikament fuqhom.

1.3 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa kif l-ammonti ta' Lawrence Mallia kienu telgħu daqshekk. Is-Sindku qal li se niċċekkjaw mas-Sur. Mallia stess il-għala dawn telgħu daqshekk.

1.4 Il-Kunsillier Cardona qal li meta kien hemm l-adjudication Board kien instab li fl-offerta ta' Lawrence Mallia dan kien ippropona li jekk huwa ma jkunx jista jagħti s-servizz waqt ċertu żmien ikun hemm persuna oħra li tbiddlu temporanjament fejn il-Kunsillier ma kienx qabel magħha. Is-Sindku qal li meta huwa kien indispost għax xogħol dan għamlitu bintu u kien xorta tajjeb.

1.5 Il-Kunsillier Hewitt qal li kienet tinkwetah il-fatt li dan ma kienx qed ikun iċċekkjat fix-xogħol tiegħu.

1.6 Il-Kunsillier Cardona semma li fi Triq Moroni kien hemm ħafna skart u staqsa kif is-Sur. Mallia ma kienx qed jieħu nota tiegħu.

1.7 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk fil-każ ta' Lawrence Mallia hemmx capping fuq l-ammont kemm dan jista jitħallas mill-Kunsill Lokali.

1.8 Il-Kunsillier Chetcuti semma li waqt il-laqgħa konna semmejna li dan jaħdem sa massimu ta' 4 sigħat fil-ġurnata. Is-Sindku qal li huwa se jara s-sigħat li huwa kien ħadem fuq il-kont.

1.9 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq l-ammonti ta' Charles Spagnol fuqxiex kienu jikkonsistu. Is-Sindku qal li dan kien waħħal il-fustun kollu u anki żebagħ u għamel xogħol ta' maintenance ieħor fuq ix-Xatt.

1.10 Il-Kunsillier Hewitt saqsa b' liema rata dan kien qed jitħallas. Is-Sindku qal li dan jitħallas man hours. Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk għalhekk hux qed iġib nies oħra li qed jitħallsu bl-istess rata tiegħu. Is-Sindku qal li meta kien hemm ammont ta' xogħol qawwi ikollu nies oħra jgħinuh sabiex dan jitlesta malajr.

1.11 Il-Kunsillier Galea saqsa kemm kienu qed jitħallsu l-persuni l-oħra li kien qed iqabbad is-Sur. Spagnol. Is-Sindku qal li dawn suppost kienu qed jieħdu l-istess rata.

1.12 Il-Kunsillier Hewitt talab biex jara l-kuntratt u l-offerta li kien tefa s-Sur Spagnol.

## 2.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.0 Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 3.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

3.1 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq il-kuntratt relatatt mal-kollettur tal-iskart imħallat. Is-Sindku semma li l-kundizzjonijiet li kellhom isiru kienu għadhom ma sarux. Huwa qal li se jidħol fiha.

3.2 Il-Kunsillier Chetcuti semma li huwa kien osserva xi drabi li meta kien qed jinġabar l-iskart ġieli kienet qed tinfetħilhom il-borża u ma jnaddfux sew warajhom. Is-Sindku qallu li meta naraw ħaġa bħal din inkellmuh mill-ewwel għax huwa obbligat li jnaddaf wara l-kollezzjoni.

3.3 Il-Kunsillier Galea saqsa jekk tneħħietx id-dgħajsa li kien hemm max-Xatt. Is-Sindku semma li minn naħa tal-Pulizija kienu waħħlu l-avviżi biex din titneħħa imma ma tneħħietx. Huwa qal biex filkaż insibu persuna tkissirha u tarmiha.

3.4 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni għal iskema tar-restawr tal-postijiet storiċi. Huwa semma li l-applikazzjoni saret fuq il-Knisja Parrokkjali tal-Gzira kif ukoll il-Kappella iż-żgħira. Huwa semma li kien sar rapport mill-Perit li ddaħħal ma din l-applikazzjoni.

## 4 KORRISPONDENZA

### Permess tal-Lido tax-Xatt

4.1 Il-Kunsilliera Schembri qalet li kien hemm xi Gżirjani li kkumentaw fuq il-mod li l-Kunsill Lokali kien qabel mal-proġett tax-Xatt tal-Lido.

4.2 Is-Sindku semma li kieku huwa kellu joġġezzjona għall dan il-proġett xorta kien se jgħaddi peress li dakinhar objector wieħed kien hemm u ħafna favur il-proġett. Huwa qal li dan il-proġett kien fih diversi faċilitajiet li kienu attrajenti kien ġej sabiħ.

4.3 Il-Kunsillier Hewitt semma li kienet tipprejokupah li l-permess kien ħareġ daqshekk malajr. Is-Sindku semma li l-outline permit tal-proġett kien ħareġ diġa fil-leġislatura ta' qabel.

4.4 Il-Kunsillier Hewitt semma li huwa jaqbel li jkun hemm żvillup sostenibbli pero aħna bħala Kunsill irridu dejjem nirrapreżentaw lir-residenti.

4.5 Is-Sindku semma li minn kien ħa l-art fejn ser issir il-proġett tal-Lido kien qed iħallas €150,000 fis-sena, kera. Huwa qal li kien tkellem mal-Prim Ministru fuq dan il-każ biex jara jekk il-Kunsill jmissux xi ħaġa minhom. Il-Prim Ministru qallu li kien se jiċċekkja aktar fuqu.

**Manoel Island**

4.6 Il-Viċi Sindku semma li t-Tnejn li ġej se ssir il-konferenza stampa fir-rigward ta' Manoel Island.

4.7 Il-Kunsilliera Schembri qalet li l-mod kif kienu żvolġew l-affarijiet fuq dan il-każ kienu wisq malajr u ma kinux infurmati meta huma għandhom ikunu minn ta' quddiem biex jiddefendu l-Kunsill.

4.8 Is-Sindku semma li huwa kien daħħal il-protest ġudizzjarju peress li dan kien hemm qbiel fuqu waqt il-laqgħat ta' qabel. Dakinhar stess ċemplu minn jeddhom il-Malta Today u anki l-ONE. Lejn l-aħħar kienu ċemplu l-PBS fejn anki Reno Calleja kien tah il-mobile number. Huwa qal li kollox kien ġie ta' malajr imma ma kellux l-intenzjoni li ma javżax lill-Kunsill fuq l-affarijiet li ġraw.

4.9 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet x' se jiġri waqt il-press conference biex tkun infurmata u tista tirrispondi. Hija saqsiet ukoll x' kien ġara minn naħa tal-Kunsilli preċedenti fuq dan il-każ bejn l-2000 u l-2016. Is-Sindku qallha li ma kien sar xejn mill-Kunsilli l-oħra.

4.10 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet jekk tistax tara l-kuntratt li kien sar fuq ta' Manoel Island. Is-Sindlu qal li huwa kellu kopja tiegħu u lest li jibgħatulhom.

4.11 Is-Sindku semma li fuq din hemm l-appoġġ ta' Flimkien għall Ambjent Aħjar u entitajiet oħra li kienu favur l-azzjoni li kien qed jieħu l-Kunsill Lokali.

4.12 Is-Sindku semma li fil-preżent Manoel Island mhux numerata mal-Gżira bħala 21 imma bħala 21.1. Huwa qal li għandha issir talba biex Manoel Island tingħata n-numru 21 bħal bqija tal-Gzira. Il-Kunsilliera qablu.

**Uffiċċju Amministrattiv (Ex-Dar tal-Anzjani)**

4.13 Is-Sindku semma li huwa kien ressaq l-offerta tal-prezz miftiehma fuq l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali lix-xerrej fejn dan aċċetta l-offerta. Is-Sindku semma li l-problema hija li dwar id-Dar tal-Anzjani għad m' hemm xejn bil-miktub.

4.14 Is-Sindku semma li bil-mod kif se jkun ippjanat l-uffiċċju l-ġdid flok l-Ex-Dar tal-Anzjani anki l-post ta' Savoy Gardens mhux ha nkunu bżonnu.

4.15 Il-Kunsillier Galea semma biex noqgħodu attenti peress li m' hemm l-ebda kuntratt li juri li hawn tal-Kunsill Lokali.

4.16 Il-Kunsillier Hewitt qal li aħna nistgħu noffru li nħallsu t-taxxa u nbigħuh xorta.

4.17 Il-Kunsilliera talbu biex isir il-kuntratt sabiex il-post jinqaleb fuq il-Kunsill Lokali u b' hekk inkunu nistgħu inbiegħuh u anki titħallas it-taxxa.

4.18 Il-Kunsillier Hewitt semma li rridu nsejħu l-Perit biex jevalwa kemm jiswa l-post qabel.

4.19 Is-Sindku semma li fuq id-Dar tal-Anzjani kien ġie l-Perit fuq il-post u kien ħa l-qisien kollha biex ikun jista jagħmel pjanta. Huwa semma li diġa kien hemm persuna li pproponiet li hawn isir childcare centre fejn il-Kunsill ikun f' pożizzjoni li jikri dan il-post. Huwa semma wkoll li kien diġa avviċina lir-residenta li toqgħod taħt id-Dar tal-Anzjani biex il-quddiem ikun jista jsir l-arranġament magħha fuq ir-residenza tagħha.

4.20 Il-Kunsillier Cardona semma jekk nistgħux inressqu xi suġġerimenti. Is-Sindku qallu biex kif ikun hemm il-pjanta lesta iġġibha għall attenzjoni tagħhom u minn irid jista jissuġġerrixxi.

**Sistema CCTV għall Gżira**

4.21 Is-Sindku qal li fuq is-sistema tas-CCTV's huwa kien tkellem ma' persuna Taljana li kienet għamlet xogħol simili barra minn Malta biex b' hekk naraw x' inhuma l-aħjar opportunitajiet u prezzijiet.

.

**Amministrazzjoni**

4.22 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk is-Sur. Fabian Borg kienx għadu qed joħroġ fuq barra. Is-Sindku qal li dan l-aħħar huwa kien qed jimpenja ruħu aktar fuq ġewwa.

4.23 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet jekk hija issa tistax tibda l-ilmenti lis-Sur. Borg stess. Hija semmiet li meta kienet ċemplitlu biex tgħaddilu ilment dan qallha biex tibgħatlu email. Is-Sindku qallha li bħala front office kien hemm il-clerks u qallha biex meta jkollha xi ħaġa simili tista tgħid lilhom peress li xogħolhom huwa fuq l-ilmenti ukoll.

4.24 Il-Kunsilliera Chetcuti qal sabiex isir ktieb li fuqu l-Kunsilliera jistgħu jiktbu l-ilmenti tagħhom u jkollhom aċċess għalih. Is-Sindku qabel li dan isir.

4.25 Is-Sindku ta' rendikont fuq l-interviews li saru għall post ta' skrivan mal-Kunsill Lokali. Huwa semma li kien hemm tlett kandidati li ġew intervistati

imma l-aktar li instab eliġibli għall dan ix-xogħol kien is-Sur. Jurgen Busuttil billi dan anki kellu esperjenza diġa fuq il-mod kif jopera l-Kunsill Lokali.

4.26 Is-Sindku ressaq ittra waqt il-laqgħa li kienet mingħand is-Sur. Alex Zammit fejn kien qed jitlob żieda ta €60 fil-ġimgħa fir-rigward tal-ħidma addizzjonali li kien qed jagħmel relatatt mal-attivita li kienet se titella f' Novembru.

4.27 Il-Kunsillier Galea qal li hemm 4 persuni oħra li qegħdin fi status simili tiegħu mal-Kunsill tal-Gżira u dan ikun jidher li qed jiġi aġġevolat. Is-Sindku semma li dan qed ikollu ħafna ġiri u laqgħat fuq barra u anki jibqa sejjer bix-xogħol wara l-ħin.

4.28 Il-Kunsillier Chetcuti qal li l-problema tas-Sur. Zammit hija li dan xi kultant jimponi fuq il-ħaddiema u għalhekk jispiċċa joħloq diffikultajiet meta jirrelata magħhom.

4.29 Il-Kunsilliera preżenti qablu li dan għandu jingħata rinumerazzjoni b' mod temporanju li tinqata wara li tgħaddi l-attivita.

4.30 Is-Segretarju qal li dan għandu jlesti attendenza u jitħallas skont is-sigħat addizjonali fl-attendenza tiegħu. Is-Sindku qal li huwa diġa fittex mal-fondazzjoni li jiffurmaw parti minnha huma u dan għandu jsir invoice u jinħareġ pagament b' dan il-mod.

4.31 Is-Sindku semma li kien hemm bżonn li Marion tingħata xi forma ta' kumpens bħala ħlas għas servizz li kienet qed tagħti lill-Kunsill Lokali. Huwa qal li jista jara jekk din tiddaħħalx bħala support services lill-Kunsill Lokali.

**Ground tal-Iskola**

4.32 Il-Kunsillier Cardona semma li peress li f' Novembru kienet se ssir l-attivita sportiva kienx hemm il-lasti tal-futbol li kienu fi stat tajjeb jew kellhomx bżonn jitranġaw. Is-Sindku semma li huwa kien diġa talab li jsir risk assessment tagħhom minn naħa tal-AME biex ma jkun hemm l-ebda problema.

**Bord tal-Aġġudikazzjoni**

4.32 Is-Sindku qal li s-Sur. Alfred Theuma hemm bżonn li jitneħħa mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni billi dan kien qed ikun ħafna assenti.

4.33 Il-Kunsillier Hewitt qal li huwa ma jsibx oġġezzjoni.

4.34 Is-Sindku qal li minfloku jidħol is-Sur. Reno Desira fejn dan ukoll kellu esperjenza tajba fis-settur pubbliku u jista jagħmel xogħol tajjeb flimkien mal-membri l-oħra tal-Bord.

4.35 Il-Kunsillier Cardona semma li s-Sur Theuma kien anki ħa id-dokumenti tat-tender meta dan mhux suppost. Is-Segretarju semma li meta kien ġara hekk huwa kien ta' struzzjonijiet bil-miktub.

4.36 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa fuq iż-żebgħa tat-toroq. Is-Sindku semma li kien qed isir tender fuq dan u qed jinġabru l-ispecifications neċessarji.

**Tindif u Knies**

4.37 Il-Kunsillier Cardona saqsa jekk fil-Gżira jistgħux isiru bins bħal dawk li hemm f' Tas-Sliema. Is-Sindku qal li rridu naraw li hemm bins li jridu jinbidlu.

4.38 Is-Sindku semma li jekk isiru bins bir-reklami ġol-Gżira mill-flus li jkun daħħal il-Kunsill tar-reklami jista' jkollu persuna li tnaddaf ix-Xatt fuq rutina.

**Żvillupi**

4.39 Il-Kunsillier Galea semma li tal-14 East kien diġa tella diversi sulari u għadna ma kellimnihx biex naraw x' seta jagħti lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li huwa kien diġa talbu biex isir meeting u anki jkun hemm il-Kunsilliera preżenti. Huwa qal li kif inhi s-sistema llum dan jista joġġezzjona għall applikazzjoni waqt li tkun fil-proċess biex tiġi mgħoddija.

**Soft Areas**

4.40 Il-Kunsillier Galea qal li fil każ tal-ELC għandna nissuġġerulhom x' tip ta fjuri jiżirgħu.

4.41 Il-Kunsilliera Schembri qalet li fi Triq Nazju Ellul hemm siġra li tagħti fuq barra li kellha bżonn tinqata minħabba l-mod kif qiegħda.

**Il-Kunsillier Hewitt talab biex jiġi skużat fit-20.20 pm.**

**Traffic Management**

4.42 Il-Kunsillier Chetcuti semma li t-tabella ta Triq Ponsomby li kien semma fil-laqgħa ta' qabel ma kienx sabha.

4.43 Il-Kunsillier Cardona semma li qed ikun hemm problema ta parking fejn hemm l-Istep On. Huwa qal li hawn saru linji sofor mingħajr permess. Is-Sindku qal li fuq din se jkompli jiċċekkja.

**Il-Kunsillier Cardona u l-Kunsilliera Schembri talbu biex jiġu skużati fit-20.25 pm.**

**5.0 AĠĠORNAMENT**

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m. Kien hemm il-ġurnata tal-15 ta' Settembru proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2016

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Conrad Borg Manché | Michael Portelli |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |